

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### QORTI TAL-EFTA

#### SENTENZA TAL-QORTI

**tat-28 ta' Ġunju 2011**

**fil-Kawża E-18/10**

#### **L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v ir-Renju tan-Norveġja**

(*Nuqqas ta' konformità ma' sentenza tal-Qorti li tiddikjara nuqqas ta' rispett ta' obbligi – l-Artikolu 33 SCA – Il-miżuri meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' sentenza tal-Qorti*)

(2011/C 336/13)

Fil-kawża E-18/10 l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA v ir-Renju tan-Norveġja – APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li billi naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-EFTA fil-Kawża E-2/07 L-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA v ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tan-Norveġja naqas milli jirrispetta l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 33 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti magħmulha minn Carl Baudenbacher, President, Thorleif Örlygsson u Per Christiansen (Imħallef għal opinjoni), kollha mħallfin, tat sentenza fit-28 ta' Ġunju 2011 u l-parti dispożittiva tagħha tgħid hekk:

Il-Qorti b'dan:

- (1) Tiddikjara li billi naqas milli jieħu l-miżuri neċċesarji biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-EFTA fil-Kawża E-2/07 l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tan-Norveġja naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 33 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja.
- (2) Tordna lir-Renju tan-Norveġja biex iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.